

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ottubru 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2008/359/KE li tistabbilixxi l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija tal-Agri-Ikel, sabiex testendi l-applikabilità tiegħu

(2009/785/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(4) Id-Deċiżjoni 2008/359/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Billi:

Artikolu Uniku

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/359/KE tat-28 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija tal-Agri-Ikel ⁽¹⁾ hija applikabbli għal perjodu ta' żmien limitat.

L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/359/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Skadenza

(2) Il-Grupp ta' Livell Għoli ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-industrija tal-agri-ikel tal-Komunità billi ħejja Rapport dwar il-Kompetittività tal-Industrija Ewropea tal-Agri-Ikel ⁽²⁾, 30 rakkomandazzjoni u Mappa ta' Inizjattivi Ewlenin li jinkludu azzjonijiet ta' implimentazzjoni. Dawn l-inizjattivi jeħtieġ li jissuktaw.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2010."

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2009.

(3) Ix-xogħol tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija tal-Agri-Ikel għandu jissokta skont l-istess regoli kif stabbilit b'dik id-Deċiżjoni.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi President

⁽¹⁾ ĠU L 120, 7.5.2008, p. 15.

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/food/files/high_level_group_2008/documents_hlg/final_report_hlg_17_03_09_en.pdf